Siġġiewi	*Correction of LRA 396/2005.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 1417/07, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' l-appartament Nru 4, formanti parti mill-fond Nru 4 jismu 'Osterly Flats' fi Triq Locker;	Il-Gvern ta' Malta		1225/07
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of apartment No 4, forming of tenement No 4 named 'Osterly Flats' in Triq Locker;*	*The Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Tas-Sliema	Id-direttu l-utile dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tad-djar Nri 90 u 91 fi Triq Sir Arturo Mercieca;	Randolph Camilleri Surveys Ltd ghas-sehem ta' 60%; u Kevin Camilleri ghas-sehem ta' 40%;	C12152 531871M	1243/07
Tas-Sliema	*The temporary direct and utile dominium and the full ownership thereafter of houses Nos 90 and 91 in Triq Sir Arturo Mercieca;*	*Randolph Camilleri Surveys Ltd for the share of 60%; and Kevin Camilleri for the share of 40%;*		
Tas-Sliema	Id-direttu dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 54 fi Triq San Ġwann il-Battista;	Il-Gvern ta' Malta		1302/07
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 54 in Triq San Ġwann il-Battista;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Korrezzjoni ta' LRA 2915/2005. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt LRA 1321/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward l-inklużjoni ta' l-att tan-Nutar Riccardo Manara tat-18 ta' Ottubru 1887 u d-data ta' skadenza tac-ċens tal-fondi Nri 21 u 24;	Il-Gvern ta' Malta		1321/07
Tas-Sliema	*Correction of LRA 2915/2005.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office LRA 1321/07, a correction of the above mentioned application as regards the inclusion of a deed published by Notary Riccardo Manara of the 18th October 1887 and the expiry date of groundrent of tenements Nos 21 and 24;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Bicca art tal-kejl ta' 8,713 m.k., f' Tigne'; bicca art tal-kejl ta' 19,344 m.k., fi Triq il-Ponta ta' Dragut	GAP Developments p.l.c.	C 38040	1348 u 1349 ta' l-2007
Tas-Sliema	*A plot of land covering an area of 8,713 s.m. at Tigne'; a plot of land covering an area of 19,344 s.m., in Triq il-Ponta ta' Dragut;*			
Tas-Sliema	Korrezzjoni ta' LRA 3155/2005. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt LRA 1351/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali;	Il-Gvern ta' Malta		1351/07
Tas-Sliema	*Correction of LRA 3155/2005.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office LRA 1351/07, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Id-direttu dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 23 fi Triq San Pawl;	Il-Gvern ta' Malta		1406/07

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 23 in Triq San Pawl;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Id-direttt dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 87 fi Triq San Trofimus kantuniera ma' Nru 1 fi Triq il-Knisja; tal-fond Nru 53 fi Triq San Piju V;	Il-Gvern ta' Malta		1420 u 1425 ta' l-2007
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 87 in Triq San Trofimus corner with No 1 in Triq il-Knisja; of tenement No 53 in Triq San Piju V;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	Il-fond bin-Nri 64, 65 u 66 fi Triq il-Kbira;	L-Arċidjoċesi ta' Malta ghall-utile dominju temporanju; u l-Provinċja tad-Dumnikani, Birgu, ghad-direttt dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta';		1526/07
Tas-Sliema	*The tenement at Nos 64, 65 and 66 in Triq il-Kbira;*	*The Archdiocese of Malta for the temporary utile dominium; and the Domenican Province, Vittoriosa, for the temporary direct dominium and the full ownership thereafter;*		
Valletta	L-appartament Nru 4, formanti parti mill-fond Nru 208 fi Triq Sant' Ursola;	Il-Gvern ta' Malta		1305/07
Valletta	*Apartment No 4, forming part of tenement No 208 in Triq Sant' Ursola;*	*The Government of Malta*		
Valletta	Il-fond Nru 42 fi Triq Sant' Anna;	Il-Gvern ta' Malta		1457/07
Valletta	*Tenement No 42 in Triq Sant' Anna;*	*The Government of Malta*		
Valletta	1/40 parti ndiviża tal-fondi Nri 13, 14 u 16 fi Triq Melita;	Il-Gvern ta' Malta		1521/07
Valletta	*1/40 undivided shares of tenements Nos 13, 14 and 16 in Triq Melita;*	*The Government of Malta*		
Wied il-Għajn	Korrezzjoni ta' LRA 3641/2006. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt LRA 1251/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali;	Knisja Parrokkjali ta' Haz-Zabbar		1251/07
Wied il-Għajn	*Correction of LRA 3641/2006.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office LRA 1251/07, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;*	*Parish Church of Zabbar*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Wied il-Għajn	Korrezzjoni ta' LRA 392/2007. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Ufficju Kongunt LRA 1295/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali;	Legat Paola Vella anness mal-Konfraternita ta' l-Immakulata Kuncizzjoni eretta fil-Parrocca tal-Birgu;		1295/07
Wied il-Għajn	*Correction of LRA 392/2007.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office LRA 1295/07, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;*	*Legacy Paola Vella annexed to the Confraternity of the Immaculate Conception erected in the Parish of Vittoriosa;*		
Wied il-Għajn	Id-dirett dominju perpetwu ta' Plot 21 tal-kejl ta' 217 m.k., fi Triq Thomas Ashby kantuniera ma' Triq Philippe De Vendome;	Il-Gvern ta' Malta		1354/07
Wied il-Għajn	*The perpetual direct dominium of Plot 21 covering an area of 217 s.m., in Triq Thomas Ashby corner with Triq Philippe De Vendome;*	*The Government of Malta*		
Żejtun	Id-dirett dominju perpetwu tal-fond Nru 24 jismu 'St Anthony' fi Triq Dun Lawrenz Degabriele;	Il-Gvern ta' Malta		1298/07
Żejtun	*The perpetual direct dominium of tenement No 24 named 'St Anthony' in Triq Dun Lawrenz Degabriele;*	*The Government of Malta*		
Żejtun	Porzjoni mill-art Ta' Debbus tal-kejl ta' 7,051 m.k., kontrada Ta' San Niklaw;	Il-Gvern ta' Malta		1320/07
Żejtun	*A portion of the land Ta' Debbus covering an area of 7,051 s.m., district of Ta' San Niklaw.*	*The Government of Malta*		
Żurrieq	Porzjoni art tal-kejl ta' 86 m.k., fi Triq Wesgħa Franġisk Bugeja;	Il-Gvern ta' Malta		1395/07
Żurrieq	*A portion of land covering an area of 86 s.m., in Triq Wesgħa Franġisk Bugeja;*	*The Government of Malta*		
Żurrieq	Biċċa mill-art Ta' Sanserna' tal-kejl ta' 4,289 m.k., limiti ta' B'Buġia;	Il-Gvern ta' Malta		1458/07
Żurrieq	*A plot of the land Ta' Sanserna' covering an area of 4,289 s.m., limits of B'Buġia;*	*The Government of Malta*		

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-Xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-Sajf).

Dott Stephanie Pappalardo, LL.D.
Reġistratur ta' l-Artijiet

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (Winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dr Stephanie Pappalardo, LL.D.
Land Registrar

L-1 ta' Ġunju, 2007 1st June, 2007

Nru. 515

KORPORAZZJONI MALTIJA GĦALL-INTRAPRIŻA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi s-Sur Martin Galea ġie nominat Direttur tal-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża minflok is-Sur Adrian Bajada li rriżenja b'seħħ mid-9 ta' Mejju, 2007.

L-1 ta' Ġunju 2007

No. 515

MALTA ENTERPRISE CORPORATION

IT is notified for general information that Mr Martin Galea has been appointed Director of the Malta Enterprise Corporation instead of Mr Adrian Bajada who has resigned with effect from 9th May 2007.

1st June, 2007

Nru. 516

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 516

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
25. 05. 07	Lm6.80.0 (€15.83,9)	Lm0.14.3 (€0.33,3)
28. 05. 07	Lm6.79.9 (€15.83,7)	Lm0.14.4 (€0.33,5)
29. 05. 07	Lm6.80.3 (€15.84,6)	Lm0.14.4 (€0.33,5)
30. 05. 07	Lm6.82.2 (€15.89,0)	Lm0.14.6 (€0.34,0)
31. 05. 07	Lm6.82.0 (€15.88,6)	Lm0.14.7 (€0.34,2)

L-1 ta' Ġunju, 2007

1st June, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 45

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

POLICE NOTICE

No. 45

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Il-Pietà

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Ġunju 2007 mis-6.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Monica, Dun Ġorġ Preca, Joe Gasan, il-Qasam tad-Djar, id-Duluri, Pietru Xuereb, l-Isptar, is-Sorijiet ta' l-Ursolini, Ġużè Ellul, San Luqa, San Ġużepp u Hookham Frere.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Ġunju 2007 mis-6.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Monica, id-Duluri, San Ġużepp, K. Mifsud, San Girgor, Hookham Frere, it-Telgħa ta' Guardamangia, Blackley, id-Duluri u x-Xatt.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Ġunju 2007 mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: id-Duluri, Santa Monica, Blackley, it-Telgħa ta' Guardamangia, ix-Xatt, id-Duluri, Schinas, Karmenu Mifsud, San Girgor, Edgar Fero, San Ġużepp u Hookham Frere.

L-1 ta' Ġunju, 2007

Pietà

On Friday, 15th June 2007 from 6.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: Santa Monica, Dun Ġorġ Preca, Joe Gasan, Housing Estate, id-Duluri, Pietru Xuereb, l-Isptar, is-Sorijiet ta' l-Ursolini, Ġużè Ellul, San Luqa, San Ġużepp and Hookham Frere.

On Saturday, 16th June 2007 from 6.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: Santa Monica, id-Duluri, San Ġużepp, K. Mifsud, San Girgor, Hookham Frere, it-Telgħa ta' Guardamangia, Blackley, id-Duluri and ix-Xatt.

On Sunday, 17th June 2007 from 4.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: id-Duluri, Santa Monica, Blackley, it-Telgħa ta' Guardamangia, ix-Xatt, id-Duluri, Schinas, Karmenu Mifsud, San Girgor, Edgar Fero, San Ġużepp and Hookham Frere.

1st June, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 46

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żejtun

Nhar it-Tlieta, il-5 ta' Ġunju 2007 mis-6.00 p.m. 'il quddiem minn Triq San Girgor.

Nhar il-Ħadd, l-10 ta' Ġunju 2007 fid-9.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Gregorio Bonnici, il-Madonna tal-Bon Kunsill, Carlo Diacono, San Pawl, Misraħ Santa Marija, Santa Marija, Luqa Briffa, Piu X, San Girgor, Misraħ ir-Repubblika sal-Knisja u l-Każin tal-Banda.

Nhar il-Ħadd, l-10 ta' Ġunju 2007 fl-10.00 a.m. mill-Knisja ta' San Girgor sal-Knisja Parrokkjali.

Nhar it-Tnejn, il-11 ta' Ġunju 2007 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Girgor, id-Daħla ta' San Tumas, il-Ħobbejża, it-Tursin il-Bir, Ġiebja Rumana, Marrubja, Xeħt il-Forom, il-Fossa tal-Qamħ, -Isqof Galea, id-Duluri, Santu Wistin, ir-Repubblika u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar it-Tlieta, it-12 ta' Ġunju 2007 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: John Borg, Lorenzo Gafà, Melchior Gafà, Cannataci, San Duminku, Marsaxlokk, Santa Marija, Luqa Briffa, Beland, Kantur, Piu X, San Girgor u Misraħ ir-Repubblika.

POLICE NOTICE

No. 46

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Żejtun

On Tuesday, 5th June 2007 from 6.00 p.m. onwards through Triq San Girgor.

On Sunday, 10th June 2007 at 9.00 a.m. through the following streets: Misraħ Gregorio Bonnici, il-Madonna tal-Bon Kunsill, Carlo Diacono, San Pawl, Misraħ Santa Marija, Santa Marija, Luqa Briffa, Piu X, San Girgor, Misraħ ir-Repubblika to Church and Band Club.

On Sunday, 10th June 2007 at 10.00 a.m. from San Girgor Church to Parish Church.

On Monday, 11th June 2007 at 8.30 p.m. through the following streets: San Girgor, id-Daħla ta' San Tumas, il-Ħobbejża, it-Tursin il-Bir, Ġiebja Rumana, Marrubja, Xeħt il-Forom, il-Fossa tal-Qamħ, l-Isqof Galea, id-Duluri, Santu Wistin, ir-Repubblika and Misraħ ir-Repubblika.

On Tuesday, 12th June 2007 at 8.30 p.m. through the following streets: John Borg, Lorenzo Gafà, Melchior Gafà, Cannataci, San Duminku, Marsaxlokk, Santa Marija, Luqa Briffa, Beland, Kantur, Piu X, San Girgor and Misraħ ir-Repubblika.

Nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Ġunju 2007 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, il-Kbira, Misraħ il-Bjar, Santa Cecilia, il-Bandolier, Villa Cagliares, Sant'Antnin, M. Cachia, id-Duluri, Santu Wistin, San Girgor, Santa Monica, Santa Fawstina, il-Ħerba u Misraħ Gregorio Bonnici.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Ġunju 2007 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, Santa Monica, Luqa Briffa, Misraħ Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill sal-Każin tal-Banda.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Ġunju 2007 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, Misraħ Gregorio Bonnici, il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Carlo Diacono, Luqa Briffa, Beland u San Girgor.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Ġunju 2007 fis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Knisja Parrokkjali, Misraħ Gregorio Bonnici, Santa Marija, Misraħ Santa Marija, San Pawl, Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill u Misraħ Gregorio Bonnici.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Ġunju 2007 fis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kostituzzjoni, Sant'Anġlu, Misraħ Carlo Diacono u l-Madonna tal-Bon Kunsill.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Ġunju 2007 fit-7.45 p.m. minn Misraħ Carlo Diacono u Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Ġunju 2007 fid-9.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Gregorio Bonnici, il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Carlo Diacono, San Pawl, Misraħ Santa Marija, Santa Marija, Luqa Briffa, Piu X, San Ġirgor, Misraħ ir-Repubblika sal-Każin tal-Banda.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Ġunju 2007 fis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill u Misraħ Gregorio Bonnici.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Ġunju 2007 fis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, Santa Monica, Luqa Briffa, Santa Marija, Misraħ Santa Marija, San Pawl, Misraħ Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill u Misraħ Gregorio Bonnici, il-Madonna tal-Bon Kunsill sal-Knisja parrokkjali.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Ġunju 2007 fis-7.15 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Gregorio Bonnici u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Ġunju 2007 fis-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, Santa Monica, Luqa Briffa, Misraħ Sta. Marija, San Pawl, Misraħ Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill u Misraħ Gregorio Bonnici.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Ġunju 2007 fl-10.30 p.m. mit-

On Wednesday, 13th June 2007 at 8.30 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, il-Kbira, Misraħ il-Bjar, Santa Cecilia, il-Bandolier, Villa Cagliares, Sant'Antnin, M. Cachia, id-Duluri, Santu Wistin, San Girgor, Santa Monica, Santa Fawstina, il-Ħerba and Misraħ Gregorio Bonnici.

On Thursday, 14th June 2007 at 8.30 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, Santa Monica, Luqa Briffa, Misraħ Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill to Band Club.

On Friday, 15th June 2007 at 8.30 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, Misraħ Gregorio Bonnici, il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Carlo Diacono, Luqa Briffa, Beland and San Girgor.

On Saturday, 16th June 2007 at 6.00 p.m. through the following streets: Parish Church, Misraħ Gregorio Bonnici, Santa Marija, Misraħ Santa Marija, San Pawl, Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill and Misraħ Gregorio Bonnici.

On Saturday, 16th June 2007 at 7.00 p.m. through the following streets: il-Kostituzzjoni, Sant'Anġlu, Misraħ Carlo Diacono and il-Madonna tal-Bon Kunsill.

On Saturday, 16th June 2007 at 7.45 p.m. through Misraħ Carlo Diacono and Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill.

On Sunday, 17th June 2007 at 9.00 a.m. through the following streets: Misraħ Gregorio Bonnici, il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Carlo Diacono, San Pawl, Misraħ Santa Marija, Santa Marija, Luqa Briffa, Piu X, San Ġirgor, Misraħ ir-Repubblika to Band Club.

On Sunday, 17th June 2007 at 6.00 p.m. through the following streets: Misraħ Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill and Misraħ Gregorio Bonnici.

On Sunday, 17th June 2007 at 7.00 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, Santa Monica, Luqa Briffa, Santa Marija, Misraħ Santa Marija, San Pawl, Misraħ Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill and Misraħ Gregorio Bonnici, il-Madonna tal-Bon Kunsill to Parish church.

On Sunday, 17th June 2007 at 7.15 p.m. through the following streets: Misraħ Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Gregorio Bonnici and Misraħ ir-Repubblika.

On Sunday, 17th June 2007 at 1.00 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, Santa Monica, Luqa Briffa, Misraħ Sta. Marija, San Pawl, Misraħ Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill and Misraħ Gregorio Bonnici.

On Sunday, 17th June 2007 at 10.30 p.m. through the

toroq li ġejjin: Misraħ Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill u Misraħ Gregorio Bonnici.

Nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Ġunju 2007 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, Beland, Luqa Briffa, Santa Marija, Misraħ Santa Marija, San Pawl, Misraħ Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill u Misraħ Gregorio Bonnici.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

Marsaxlokk

Nhar il-Ħamis, is-26 ta' Lulju 2007 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Xatt is-Sajjieda, iż-Żejtun, San Ġużepp, Santa Katerina, Duncan sal-Pjazza.

Nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Lulju 2007 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Felukka, l-Imriekeb, Dun Salv Gatt, il-Baħħara, tax-Xerriek, San Piu X, l-Arżnell, is-Salvatur, Sant'Antnin, il-Kavallerizza, Xatt is-Sajjieda, Duncan, Giulino Maniscalco u Kajjik.

Nhar is-Sibt, it-28 ta' Lulju 2007 fis-6.00 p.m. mill-Knisja tal-Parroċċa sa Xatt is-Sajjieda.

Nhar is-Sibt, it-28 ta' Lulju 2007 fit-8.00 p.m. minn Xatt is-Sajjieda sal-Knisja Parrokkjali.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Lulju 2007 fis-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Kajjik, iż-Żejtun, l-Arżnell, is-Salvatur, Xatt is-Sajjieda u Duncan.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Lulju 2007 fis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Xatt is-Sajjieda, San Ġużepp, Santa Katerina sal-Knisja Parrokkjali.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Lulju 2007 fis-7.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Parroċċa, iż-Żejtun, San Ġużepp, Santa Katerina, Duncan, Xatt is-Sajjieda, Torri Vendome sal-Knisja.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Lulju 2007 fil-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Torri Vendome, Xatt is-Sajjieda, Pjazza, Duncan u Kajjik.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż, ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Għajnsielem, Għawdex

Nhar is-Sibt id-9 ta' Ġunju 2007 mis-7.00 p.m. minn Triq Sant' Antnin.

Nhar il-Ħadd l-10 ta' Ġunju 2007 mis-6.00 p.m. minn Triq Sant' Antnin, Gudja u Ħamri.

following streets: Misraħ Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill and Misraħ Gregorio Bonnici.

On Friday, 22nd June 2007 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, Beland, Luqa Briffa, Santa Marija, Misraħ Santa Marija, San Pawl, Misraħ Carlo Diacono, il-Madonna tal-Bon Kunsill and Misraħ Gregorio Bonnici.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

Marsaxlokk

On Thursday, 26th July 2007 at 8.30 p.m. through the following streets: Xatt is-Sajjieda, iż-Żejtun, San Ġużepp, Santa Katerina, Duncan to Square.

On Friday, 27th July 2007 at 8.30 p.m. through the following streets: il-Felukka, l-Imriekeb, Dun Salv Gatt, il-Baħħara, tax-Xerriek, San Piu X, l-Arżnell, is-Salvatur, Sant'Antnin, il-Kavallerizza, Xatt is-Sajjieda, Duncan, Giulino Maniscalco and Kajjik.

On Saturday, 28th July 2007 at 6.00 p.m. from Parish Church to Xatt is-Sajjieda.

On Saturday, 28th July 2007 at 8.00 p.m. from Xatt is-Sajjieda to Parish Church.

On Sunday, 29th July 2007 at 1.00 p.m. through the following streets: Kajjik, iż-Żejtun, l-Arżnell, is-Salvatur, Xatt is-Sajjieda and Duncan.

On Sunday, 29th July 2007 at 6.00 p.m. through the following streets: Xatt is-Sajjieda, San Ġużepp, Santa Katerina to Parish Square.

On Sunday, 29th July 2007 at 7.30 p.m. through the following streets: Parish Square, iż-Żejtun, San Ġużepp, Santa Katerina, Duncan, Xatt is-Sajjieda, Vendome Tower to Church.

On Sunday, 29th July 2007 at 11.00 p.m. through the following streets: Vendome Tower, Xatt is-Sajjieda, Square, Duncan and Kajjik.

Vehicles found in contravention of this notice, will be liable to be towed.

Għajnsielem, Gozo

On Saturday 9th June 2007 from 7.00 p.m. through Triq Sant' Antnin.

On Sunday 10th June 2007 from 6.00 p.m. through Triq Sant' Antnin, Gudja and Ħamri.

Nhar is-Sibt 9 u l-Ħadd 10 ta' Ġunju 2007, mis-7.00 p.m., Triq iż-Żewwieqa tkun magħluqa għat-traffiku.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba hemm jiġu rmunkati.

Dan l-avviż iħassar dak li ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,077 tal-15 ta' Mejju, 2007.

L-1 ta' Ġunju, 2007

On Saturday 9th and Sunday 10th June 2007, from 7.00 p.m., Triq iż-Żewwieqa will be closed for traffic.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found there shall be towed.

This notice cancels the one published in the Government Gazette No. 18,077 of the 15th May, 2007.

1st June, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Impieg ta' *Supply Kindergarten Assistants* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni biex jaħdmu fil-Klassijiet tal-*Kindergarten*

Id-Direttur Ġenerali tgħarraf li d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni għandha l-ħsieb li tħejji lista ta' riserva ta' *Supply Kindergarten Assistants* biex jaħdmu fil-klassijiet tal-*Kindergarten* f'Malta u/jew f'Għawdex.

2. Dan l-impieg huwa ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum fid-diskrezzjoni tad-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) meta dawn is-servizzi, għal xi raġuni, ma jkunux aktar meħtieġa. F'kull każ, l-impieg jiġi sospiż jew jintemm awtomatikament fl-aħħar ġurnata meta l-iskola tagħlaq għall-vaganzi tas-sajf. L-i*staff* supplimentarju jista' jiġi impjegat fis-sena ta' wara jekk is-servizzi ta' dawn ikunu meħtieġa.

3. Is-*Supply Kindergarten Assistants* jitħallsu bir-rata ta'Lm16.54 (€ 38.53) għal kull ġurnata tax-xogħol. Huma wkoll intitulati għall-*bonus* anwali *(pro rata).*

4. L-applikanti magħżula jistgħu jiġu trasferiti minn skola għal oħra. Jistgħu wkoll ikunu meħtieġa li jaqdu dmirijiet f'Għawdex.

5. Ir-responsabbiltajiet u x-xogħol tas-*Supply Kindergarten Assistants* fil-klassijiet tal-*Kindergarten* jinkludi:-

5.1 L-Iskop Ġenerali tal-Kariga

5.1.1 Biex tingħata edukazzjoni fuq il-linji tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali u fuq id-direttivi ta' l-awtoritajiet kompetenti.

5.1.2 Biex jinħoloq ambjent li jqanqal biex it-tagħlim jingħata lit-tfal b'mod kreattiv, informali u mhux strutturat permezz tal-logħob.

5.2 Responsabbiltajiet Prinċipali

5.2.1 Tippjana, tipprepara u twettaq attivitajiet edukattivi

EDUCATION DIVISION

Employment of Supply Kindergarten Assistants in the Education Division to Perform Duties in Kindergarten Classes

The Director General (Education) notifies that the Education Division is in the process of compiling a reserve list of prospective Supply Kindergarten Assistants to perform duties in Malta and/or Gozo.

2. This employment is of an entirely temporary nature and may be terminated at the discretion of the Director General (Education) when such services are, for any reason, no longer required. In any case, employment will be suspended or terminated automatically on the last day when the school closes for the summer holidays. Supply staff may be re-employed for the following scholastic year if their services are still required.

3. Supply Kindergarten Assistants will be paid at the rate of Lm16.54 (€38.53) per working day. They will also be entitled to the annual bonus (pro rata).

4. Selected candidates may be transferred from one school to another according to the exigencies of the Education Division. They may also be required to perform duties in Gozo.

5. The responsibilities and duties of Kindergarten Assistants in Kindergarten classes are as follows:-

5.1 Overall Purpose of Position

5.1.1 To educate according to the prescriptions of the National Minimum Curriculum and the Directives of the competent authority.

5.1.2 To create a stimulating environment in which learning can take place in a creative, informal manner through play.

5.2 Main Responsibilities

5.2.1 Plans, prepares and actuates educational activities

li jgħinu lit-tfal jiżviluppaw attitudni soċjali, indipendenti u ta' kurżità intellettwali.

5.2.2 Tipprovdi opportunitajiet lit-tfal biex jissoċjalizzaw ma' tfal tamparhom u adulti li jiġu f'kuntatt magħhom, jiżviluppaw il-kordinament tagħhom skond l-età u l-kapaċitajiet fiżiċi u tgħinhom isiru indipendenti.

5.2.3 Tkejjel, tirrekordja u tirraporta fuq l-iżvilupp, il-progress u l-imġiba ta'l-istudent.

5.2.4 Tipprovdi sorveljanza u għajnuna matul l-ikliet, waqt li jinżgħu u jilbsu u waqt li jużaw it-*toilet*. (Wieħed jistenna li tfal fil-livell ta' *Kindergarten* jiġu mgħallma jużaw it-*toilet* qabel ma jattendu l-iskola).

5.2.5 Tikkopera mal-Kap ta'l-Iskola, l-Assistent Kap u *Kindergarten Assistents/Facilitators* oħra u Uffiċjali Edukattivi fil-preparazzjoni u żvilupp ta' sessjonijiet ta' gruppi ta' logħob edukattiv, materjal edukattiv u programm ta' xogħol.

5.2.6 Tieħu sehem f'taħriġ personali u żvilupp professjonali bħala *Kindergarten Assistant*, inklużi l-attendenza għall-edukazzjoni *In-Service* u korsijiet ta' taħriġ li jsiru mill-awtoritajiet tad-Diviżjoni ta'l-Edukazzjoni.

5.2.7 Iżżomm l-ordni u d-dixxiplina fost it-tfal u tħarsilhom is-saħħa u s-sigurtà fil-ħin kollu u l-postijiet kollha meta t-tfal ikunu taħt il-kura tiegħu/tagħha.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) kunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta Stat ieħor membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru ta'l-Affarijiet Barranin); jew

(iv) il-konjuġi u tfal anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f' (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti.

Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-emigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

which help to develop the children's social attitudes, independent attitudes and attitudes of intellectual curiosity.

5.2.2 Provides opportunities for children to socialise with peers and adults with whom they come in contact, develops their gross/fine motor control according to their age and physical capabilities and helps them become independent.

5.2.3 Assesses, records and reports on the development, progress and behaviour of children in his/her group.

5.2.4 Provides supervision and help during meals, dressing and undressing and toileting. (It is understood that Kindergarten children should generally be toilet trained before they attend school).

5.2.5 Co-operates with the Head of School, Assistant Head/s, other Kindergarten Assistants, Facilitators and Education Officers in the preparation and development of educational playgroup sessions, educational materials and programmes of work.

5.2.6 Participates in further personal training professional development as a Kindergarten Assistant, including the attendance of in-service education and training courses as organised by the Education Division.

5.2.7 Maintains good order and discipline among children and safeguards their health and safety at any time and place when they are under his/her care.

6. Applicants must be:-

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another EU member state; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which the EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii), (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation.

This should be determined with the advice of the Director Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and Subsidiary Legislation.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża,

(ċ) ikunu għalqu t-tmintax-il (18) sena sad-data meta tagħlaq l-applikazzjoni,

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola tas-*Service and Leave Record Form* (GP47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat reċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar kmieni minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

7. Applikanti għal din il-kariga jridu, barra minn hekk, jissodisfaw wieħed minn dawn:

(i) temmew b'suċċess il-*Vocational Course* għal *Kindergarten Assistents* organizzat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni;

jew

(ii) ikunu temmew b'suċċess il-*Pre-School Education Certificate*;

jew

(iii) ikunu temmew b'suċċess l-MCAST-BTEC *National Diploma in Early Years*, kif ukoll l-*Extended Training Programme* organizzat mid-Diviżjoni ta'l-Edukazzjoni b'kollaborazzjoni ma' l-MCAST;

jew

(iv) qegħdin fl-aħħar sena ta'l-MCAST-BTEC *National Diploma in Early Years*, kif ukoll temmew b'suċċess l-*Extended Training Programme* organizzat mid-Diviżjoni ta'l-Edukazzjoni b'kollaborazzjoni mal-MCAST;

jew

(v) l-ekwivalenti tagħhom.

8. L-applikanti għandu jkollhom ukoll Livell Ordinarju *Secondary Education Certificate* (Grad 1-5) jew kwalifika komparabbli fil-lingwa Maltija, fil-lingwa Ingliża u fil-Matematika; kif ukoll Livell Avvanzat (minimu Grad E) jew komparabbli.

9. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet edukativi, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ

(b) able to communicate in Maltese and English languages;

(c) not less than eighteen (18) years of age on the closing date fixed for the receipt of application;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47);those applying from outside must produce a recent certificate of conduct by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service, giving details.

7. Applications for post must further satisfy one of the following:

(i) have successfully completed the Vocational Course for Kindergarten Assistants organised by the Education Division;

or

(ii) are in possession of the Pre-School Education Certificate;

or

(iii) are in possession of the MCAST-BTEC National Diploma in Early years, including the Extended Training Programme organised by the Education Division in collaboration with MCAST;

or

(iv) are in their final year of the MCAST-BTEC National Diploma in Early Years and have followed the Extended Training Programme organised by the Education Division in collaboration with MCAST;

or

(v) their equivalent.

8. Applicants must also be in possession of an Ordinary Level Secondary Education Certificate (Grade 1 – 5) or comparable in Maltese, English language and Mathematics.

9. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign educational institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of

u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn ġimgħatejn mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li wieħed ikollu għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta'l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10. Applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi aċċertat jekk ikunux adattati għal dan il-post.

11. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

12. Applikanti li jkunu dikjarati ineliġibbli jiġu infurmati bil-posta.

13. L-applikanti li jgħaddu u li jkunu, jew ikkwalifikati sa l-aħħar ta' Lulju 2007, jew temmew b'suċċess il-kors *MCAST-BTEC Diploma in Early Years* sa l-aħħar ta' Lulju 2007, jiġu klassifikati skond il-mertu. L-applikanti li ma jissodisfawx xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma jkunux eliġibbli anke jekk ikunu ssejħu jew qagħdu għall-intervista.

14. L-applikazzjonijiet fuq il-formola apposta u bil-kaligrafija ta'l-applikant jintlaqgħu mit-Taqsima tal-*Customer Care*, fid-Dipartiment ta'l-Edukazzjoni, il-Furjana, jew mill-Uffiċċju ta'l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex, mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 22 ta' Ġunju 2007.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq, sakemm ikollhom id-dettalji kollha meħtieġa, jistgħu jiġu kkunsidrati. In-numru tal-*fax* huwa (+356) 21225630. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal fi żmien ġimgħa mid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni.

16. Applikazzjonijiet meħuda lill-Uffiċċju jiġu ċertifikati bil-miktub bħala li ntlaqgħu mid-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) u l-irċevuta tingħata dak il-hin stess.

(b) Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom jintbagħtu bil-posta rreġistrata kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data ta' l-għeluq. Dawn l-applikazzjonijiet jiġu ċertifikati bil-miktub bħala li ntlaqgħu mid-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) fi żmien sebat ijiem.

L-1 ta' Ġunju, 2007

Education, Youth and Employment or the designated authority as applicable. This statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority to the receiving department as soon as available, and in any case not later than two weeks from the closing date of the call for applications.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certifications and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

10. Eligible applicants will be interviewed by a selection board to access their suitability for the post.

11. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Applicants who are found to be ineligible will be informed by post.

13. Successful applicants will be placed in order of merit subject to the condition that they are either fully qualified by the end of July 2007 or have successfully completed their MCAST-BTEC Diploma in Early Years by the end of July 2007. Applicants failing any one of the above conditions will be considered ineligible even in those cases where they have been called for or attended the interview.

14. Applications on the form provided and in the applicant's own handwriting together with a summary of the qualifications and experience will be received in the first instance by the Customer Care Section, Education Division, Floriana or the Education Office, Victoria Gozo by not later than noon of Friday 22nd June, 2007.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The fax number is (+356) 21225630. The formal application, duly signed by the applicant must reach the Office by not later than a week after the closing date.

16. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General (Education) and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time, to ensure delivery by the above mentioned deadline. These applications will be acknowledged in writing by the Director General (Education) within seven working days.

1st June, 2007

EUROPEAN UNION

European Food Safety Authority
Expression of Interest for Temporary Agents

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published the following calls for expressions of interest in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of the European Food Safety Authority (EFSA) of the European Union, that is seeking to establish reserve lists for the following Temporary Agents:

Ref.: EFSA/X/AST/2007/022 TA - Administrative Assistant to the Director of Communications, Grade AST3.
Closing Date: 11/06/2007
(http://www.efsa.europa.eu/etc/medialib/efsa/opportunities/recruitment/2007_022adminassist.Par.0003.File.dat/hr_call07_022_comm_adminast_ast3_notice.pdf)

Ref.: EFSA/X/AST/2007/025 TA - Senior Administrative Assistants (Science Directorate), Grade AST4.
Closing Date: 21/06/2007.
(http://www.efsa.europa.eu/etc/medialib/efsa/opportunities/recruitment/2007_025_science_seniorassistant.Par.0001.File.dat/hr_call07_025_science_seniorassistants_ast4_notice.pdf)

Ref.: EFSA/X/AD/2007/032 TA - Strategy and Prospective Advisor, Grade AD 12.
Closing Date: 18/06/2007
(http://www.efsa.europa.eu/etc/medialib/efsa/opportunities/recruitment/2007_032_strategyprospective.Par.0001.File.dat/hr_call_032_strategyprospective_ad12_notice.pdf)

In order for applications to be considered valid, candidates must submit the completed and signed Application Form, a letter of motivation, and a CV in the EU format which may be downloaded from the website at:

http://europass.cedefop.eu.int/europass/home/hornav/Downloads/navigate.action?locale_id=1

An application will be considered admissible only if it includes a duly completed application form. These are issued in four working languages of the European Food Safety Authority (English, French, Italian and German). In order to facilitate the recruitment procedure, it is advised to apply in one of these four languages. Further information about these vacancies may be found at this web address:

http://www.efsa.europa.eu/en/opportunities/recruitment.html

Applications should e-mail their applications to www.efsa.europa.eu

Should applicants to choose to send a complete application by post, this must be to:

EFSA
Human Resources Unit
(application reference number)
Largo N. Palli, 5/A
I-43100. Parma

HR Systems and Data Management Dept.
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Auberge de Castille

1st June, 2007

EUROPEAN UNION

Vacancies for Temporary Agents with the European Railway Agency (ERA)

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published the following calls in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of the European Railway Agency (ERA), for the recruitment in the following positions as Temporary Agents/Contract Agents:

Ref.: ERA/A/2007/009 Temporary Agent (M/F) - Accounting Officer, Grade: AD 5.
Closing Date: 7 June 2007. (http://www.era.eu.int/public/documents/Vacancies/2007/ERA-A-2007-009 Accounting Officer.pdf)

Ref.: ERA/CA/2007/001 Contract Agent (M/F) - Networks and Systems Administrator, Grade: FG 3.
Closing Date: 25 June 2007. (http://www.era.eu.int/public/documents/Vacancies/2007/ERA-CA-2007-001 Networks & Systems Administrator.pdf)

For further information on working conditions of temporary agents see:
http://europa.eu.int/comm/reform/2002/index_en.htm

The European Railway Agency was established by Regulation (EC) No. 881/2004 of the European Parliament and of the Council of 29 April 2004 (OJ L 164, 30.04.2004). It is located in Lille/Valenciennes, France.

The Agency was established to provide the Member States and the Commission with relevant technical assistance in the fields of railway safety and interoperability. As part of its common transport policy, the Community has adopted legislation to pave the way for gradual establishment of an integrated European railway area, both legally and technically. This involves the development and implementation of technical measures for safety and a common approach to issues concerning railway safety.

Further details of the Agency's activities may be found at:
http://www.era.europa.eu.

For applications to be valid, candidates must submit:

A detailed curriculum vitae (on EU CV format only)
A letter of motivation (2 pages maximum)
The eligibility and selection criteria grid

Supporting documents showing evidence of the information given in the application documents may be requested at a later stage. No document will be sent back to candidates. These three documents should be sent by electronic mail only to: jobs@era.europa.eu

HR Systems and Data Management Department
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Auberge de Castille

1st June, 2007

EUROPEAN UNION

European Aviation Safety Agency
Vacancy Notices for Temporary/Contract Agents

The European Aviation Safety Agency has published the following notices to fill vacancies for Temporary/Contract Agents:

REF.: EASA/AST/2007/021 Temporary Agent - Accounting Assistant (F/M), AST 1. Closing Date: 26/06/2007. (http://www.easa.eu.int/doc/Recruitment/EASA - AST - 2007 - 021.pdf)

REF.: EASA/III/2007/017 Contract Agent - Help Desk Assistant (F/M), FG III. Closing Date: 26/06/2007. (http://www.easa.eu.int/doc/Recruitment/EASA - III - 2007 - 017.pdf)

REF.: EASA/AD/2007/020 Temporary Agent - Applications and Monitoring Officer (F/M), AD 6. Closing Date: 25/06/2007 (http://www.easa.eu.int/doc/Recruitment/EASA - AD - 2007 - 020.pdf)

REF.: EASA/AD/2007/019 Temporary Agent - Approvals Officer (F/M), AD 5. Closing Date: 25/06/2007 (http://www.easa.eu.int/doc/Recruitment/EASA - AD - 2007 - 019.pdf)

REF.: EASA/AD/2007/015 Temporary Agent - Standardisation Team Leader (F/M), AD 9. Closing Date: 11/06/2007 (http://www.easa.eu.int/doc/Recruitment/EASA - AD - 2007 - 015 extended.pdf)

For applications to be valid, the candidates must submit in a single A4-sized envelope one original and four copies of all the following documents:

a completed EASA application form;
a motivation letter of no more than one page, preferably typed, explaining why the candidate is interested in the post and what her/his added value would be to the Agency if selected.

Candidates are kindly asked to send their applications as separate sheets without stapling or binding them together. In order to ensure the reception of their application, applications sent by registered mail are strongly recommended. Applications delivered via email will not be accepted. These documents are available on the following website:
http://www.easa.eu.int/career_opp_en.html

Applications must be sent no later than the dates specified above. Please note that in order to be considered, the applications received are required to be dispatched within the deadlineġ the postmark date will serve as a proof. Please send your application to:

For Mail and registered mail:

European Aviation Safety Agency
Human Resources - Recruitment Sector
(*Reference of Vacancy*)
Postfach 10 12 53
D-50452 Cologne, Germany

For Courier and parcel delivery:

European Aviation Safety Agency
Human Resources - Recruitment Sector
(*Reference of Vacancy*)
Ottoplatz 1
D-50679 Cologne, Germany

HR Systems and Data Management Department,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Auberge de Castille

1st June, 2007

EUROPEAN UNION

Vacancy with the European Centre for the Development of Vocational Training (CEDEFOP)

The European Centre for the Development of Vocational Training (Cedefop) has a vacancy in a temporary post (AST 3) for recruitment in the position indicated below:

Ref.: cedefop/ast/2007/4 Temporary post - ASSISTANT STUDY VISITS PROGRAMME M/F, AST 3.
Closing Date: 9 July 2007 (http://www.trainingvillage.gr/etv/upload/etvnews/news/2497-att1-1-assistant_study_visits_cedefop_ast_2007_4.doc)

(Cedefop) is an Agency of the European Union. It provides information on and analysis of vocational education and training systems, policies, research and practice. As the European Union's reference centre for vocational education and training, Cedefop provides services for the European Commission, the European Union Member States and the social partners as well as for the associated countries of Norway and Iceland. The Candidate Countries are also associated with its activities. Cedefop is based in Thessaloniki, Northern Greece.

Further information on contractual conditions of employment, on duties, on qualifications and other eligibility requirements, and on the method of application, may be found on the Cedefop website at http://www.cedefop.eu.int. The Cedefop website may also be reached via the above-mentioned EPSO website.

A detailed curriculum vitae (preferably European format: see www.cedefop.eu.int), certificates, recommendation letters and a cover note should be sent by registered post by the stipulated deadline to the following address:

Cedefop
European Centre for the Development of Vocational Training
c/o Mail Agent
REF.: CEDEFOP/AST/2007/4
PO Box 22427 - Finikas
GR- 55102 Thessaloniki

Applications must be sent by registered post by the date indicated, the postmark serving as proof of the date of dispatch.

HR Systems and Data Management Department,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

1st June, 2007

MINISTRU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Riżultat ta' l-Intervista għall-Postijiet ta' Uffiċjal Anzjan Tekniku (Inġinerija Mekkanika) fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq, fin-*notice-board* prinċipali tad-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-1 ta' Ġunju, 2007

